MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 218/2012

**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**RITA ZAHRA**

**LEWIS ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rita Zahra ta’ 55 sena, bint Lewis Xuereb u Salvina nee’ Spiteri, mwielda Mellieha fl- 24 ta’ Dicembru 1959, residenti 74, Triq Frangisk Zahra, Mellieha u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-numru 25760M;

U

Lewis Zahra ta’ 54 sena, bin Salvu u Theresa nee’ Monreal, mwieled Lija fid- 29 ta’ Settembru 1959, ersidenti 74, Triq Frangisk Zahra, Mellieha u detentur tal-Karta talIdentita’ bin-numru 662659M;

Talli f’Jannar 2011 u fix-xhur/snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) B’ mezzi kontra l-ligi jew bilil ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn €2329.37 ghad-detriment tal-ahwa Alessandra sive Alice Xuereb (480823M) u Maria Stella sive Stella Muscat (734627M) u Josephine Scavone (676420M);

Lil Rita Zahra wehidha;

2) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprjat ruhha billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn €2,329.37 liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment tal-ahwa Alessandra sive Alice Xuereb (480823M) Maria Stella sive Stella Muscat (734627M) u Josephine Sciavone (676420M);

lil Lewis Zahra wahdu;

3) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lil Rita Zahra fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att li fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li setgha jimpedih, hallih isir;
4) Aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill- Qorti ta' Malta u ikkonfermata tal-Appell nhar is- 26 ta' Novembru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata Rita Zahra u r-ragel taghha Louis kienu inghataw prokura generali minn tlitt persuni anzjani, Maria Stella Muscat, Alessandra sive Alice Xuereb u Josephine Scavone. Dawn kienu jigu z-zijiet tar-rispett ta’ Rita Zahra. Permezz ta’ dawn il-prokuri, Rita Zahra kienet tamministra l-affarjiet bankarji tat-tlitt anzjani. Gara li hekk kif mietet Stella Muscat, din halliet bhala werrieta taghha lil ohtha Alice Xuereb. Mir-ricerki maghmula, irrisulta li Zahra kienu hadu somma konsiderevoli ta’ flus mill-kont bankarju ta’ Muscat, u ghalhekk Xuereb ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan. Saret kwerela fis-7 ta’ Jannar 2011, wara li kienu saru ittri ufficjali, u b’hekk inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti ma jidherx li hemm wisq kontestazzjoni fuq il-fatti. Hemm qbil li Rita Zahra kellha prokura tat-tlitt anzjani u li kienet gibdet somom ta’ flus mill-kontijiet bankarji taghhom, l-aktar minn ta’ Stella Muscat. Id-difiza dejjem qalet li dawk il-flus ingibdu fuq struzzjonijiet ta’ Muscat, jew ta’ xi wahda mill-anzjani, dejjem skond ma kienu jinghataw struzzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti trid tara dawn il-provi fid-dettall biex tara jekk mill-fatti kif esposti jirrisultawx l-estremi tar-reati kontemplati f’dawn l-akkuzi.

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Yvonne Farrugia, xehdet billi kkonfermat li l-investigazzjoni kienet inbdiet meta kienet rceviet ittra minghand Dr. Joanne Vella Cuschieri fejn talbet lil Pulizija tinvestiga kaz ta’ mizappropjazzjoni ta’ fondi li gie kommess minn Rita Zahra ghad-dettriment ta’ Alessandra sive Alice Xuereb bl-ID Card number 480823 (M).  Hija kienet qalet fil-ittra illi Rita Zahra kienet giet fdata bi prokura sabiex hija tkun tista’ isarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni kemm ta’ Alice Xuereb kif ukoll ta’ ohtha li sa dak iz-zmien li kienet intbaghtet din il-kwerela Stella Muscat kienet mejta.  Dawn iz-zewg prokuri, li kienu nghataw lil Rita Zahra, hi kienet fdatha li tiehu hsieb il-kontijiet tal-bank taghhom u biex issarfilhom ic-cekkijiet tal-pensjoni tal-Ingilterra.

Allegat ukoll illi Stella Muscat, wara l-mewt taghha, meta kien infetah it-testment in-Nutar kien innota illi fil-kontijiet tal-bank taghha kien hemm ammonti kbar ta’ flus li kienu gew trasferiti mill-kont ta’ Stella Muscat ghal kont ta’ Rita Zahra. Kif ukoll ziedet illi wara l-mewt ta’ Stella Muscat, Rita Zahra kif ukoll ir-ragel taghha Louis, kienu marru fil-kamra taghha li kellha, li kienet tokkupa fid-dar ta’ l-anzjani tal-Mellieha u kienu hadu xi oggetti minn taghha, inkluz television tal-marka LG, u meta din kienet giet mitluba b’mod formali biex tirritorna dak it-television hi kienet irrifjutat li taghmel u kienet innegat li qatt hadet television tal-marka LG.

Ghalhekk l-Ispettur inkarigat lil WPS 249 Maruska Debattista sabiex tmur tkellem lil din l-anzjana d-Dar il-Madonna tal-Mellieha  u fi Frar ta’ l-2011 hija kienet iltaqghet ma’ Alice Xuereb gewwa din ir-residenza ta’ l-anzjani fejn hemmhekk kienet ittehditilha dikjarazzjoni bil-miktub u li hi kienet ukoll

iffirmat. Ma' din id-dikjarazzjoni kienet ghaddiet il-prokuri li kellha f'idejha u cioe il-prokura li kienet tat hi lil Rita Zahra bl-ID card number 25760 (M) datata 18 ta' Frar 2008 li kienet saret quddiem in-Nutar Pierre Falzon. Kienet ghaddiet ukoll prokura ohra li saret aktar tard fl-24 ta' Novembru 2010 wara li l-ewwel prokura giet irtirata fis-19 ta' Novembru 2010. Xuereb kienet qalet illi hi, l-kont tal-bank taghha bin-numru 40014654198 kien hemm transazzjonijiet li skond hi kienu saru minghajr awtorizzazjoni, kienu saru minn Rita Zahra minghajr awtorizzazjoni taghha.

Aktar tard f' Marzu ta' l-2011 l-Ispettur kienet giet ikkuntattjata wkoll minn oht Alice Xuereb, certu Guzeppa maghrufa ukoll bhala Josephine Scavone, fejn din ukoll xtaqet taghmel rapport mal-Pulizija fejn talbet biex tinvestiga zewg transazzjonijiet bankarji taghha li dawn iz-zewg transazzjonijiet kienu saru mill-kont ta' Josephine Scavone 40011518952 fejn gie nnutat minnha li f'Dicembru ta' l-2009 u f' Marzu ta' l-2010 saru transazzjonijiet, wahda ta' seba' mija u tlieta u sebghin Ewro u l-ohra ta' elfejn u kwazi tmien mitt Ewro u gew trasferiti fil-kont ta' Dr. Pierre Falzon minghajr ma hi kienet taf bihom u minhabba li Josephine Scavone ukoll kienet tat prokura lil Rita Zahra, talbet lil Pulizija biex tinvestiga dan il-kaz. Ghalhekk fuq dan ir-rapport l-Ispettur talbet lil banek sabiex jghaddu rendikonti tal-kont bankarji taghhom, kemm ta' tlett ahwa kif ukoll ta' Rita Zahra u mill-kont bankarju tal-BOV, wara analizi ta' dawn ir-rendikonti li sar minn WPS 249, kien hemm ammonti ta' transazzjonijiet li hargu mill-kontijiet ta' l-ahwa li kienu dehru suspettuzi u li ghandhom x'jaqsmu ma allegazzjonijiet li saru mill-ahwa. Mill-kont ta' Alexandra Xuereb, dawn kienu jammontaw ghal kwazi tlettax-il elf ewro (€13,000) li hafna mit-transazzjonijiet kienu dehru li qeghdin jghaddu ghal-kontijiet ta' Rita u Louis

Zahra biex ikopru l-home loan taghhom. Mill-kont ta' Josephine Scavone l-ammont ta' transazzjonijet kienu ta' tlett elef u kwazi sitt mitt Ewro (€3,600) li huma zewg transazzjoniet li gew trasferiti ghal kont ta' Dr. Pierre Falzon u mill-kontijiet ta' Maria Stella Muscat l-ammont ta' transazzjonijiet kien ta' mija u hdax-il elf u kwazi sitt mitt Ewro (€111,600) li gew ukoll trasferiti ghal-kontijiet ta' Louis u Rita Zahra li fihom kienu jinkludu Home Loan Repayments, Home Repairs Donations u kien hemm ukoll pagamenti ta' karozza Honda. Apparti r-rendikonti li nghataw mill-HSBC dawn ipprovdew ukoll zewg prokuri, wahda li l-Pulizija kellha diga li kienet tat-18 ta' Frar 2008 moghtija lil Rita Zahra minn Alexandra Xuereb, u l-ohra kienet datata 6 ta' Mejju 2005 fejn Alexandra Xuereb kienet il-prokurattrici ta' ohtha Maria Stella Muscat. Aktar stharrig sas-sistema tal-Pulizija fejn irrizulta li Louis Zahra, ir-ragel ta' Rita Zahra, fir-records tal-Pulizija kellu rregistrat taht ismu Honda Accord bin-numru tar-registrazzjoni UTD 299 u gie rregistrata fit-2 ta' Lulju 2008 u dan wara li Rita Zahra giet moghtija, li kienet saret prokuratrici kemm ta' Alice u kemm ta' Stella.

Fid-29 t'Awwissu 2011 l-Ispettur baghtet ghall-kopja Zahra fejn huma kienu gew volontarjament u wara li nghataw lilhom id-drittijiet skond il-Ligi huma kienu ghazlu illi jirrifjutaw li jikkonsultaw m'avukat qabel l-interrogazzjoni. Rita Zahra fl-isqarrija taghha kienet stqarret illi hija mara tad-dar, toqghod il-Mellieha u qalet, meta kienet mistoqsija, li Alice kienet tigi iz-zija tar-rispett u cioe il-mara taz-ziju taghha u li hija kienet taf lil Stella u lil Josephine tramite z-zija taghha Alice. Qalet ukoll li l-ahwa Alice u Stella kienu ghamlu zmien twil joqghodu vicin ir-residenza taghhom fil-Mellieha, qabel dawn ma kienu dahlu fid-dar ta' l-anzjani. Dak iz-zmien, ohthom Josephine kienet qeghdha fid-dar

ta' l-anzjani tal-Mosta izda f' Marzu ta' l-2008 huma t-tlieta kienu marru go din id-dar tax-xjuh fil-Mellieha.

L-imputata ghaddiet zewg prokuri originali li kienu nghataw lilha minn Maria Stella Muscat u minn Alice Xuereb fit-18 ta' Frar 2008 lill-Ispettur, u meta kienet hi giet mistoqsija jekk ghandhiex kopja tal-prokura jew prokura innifisha ta' Josephine Scavone, din kienet qalet li din inghatat lura lil Josephine Scavone ghaliex kienet talbitilha. Fl-istqarrija taghha Rita ammettiet jew stqarriet illi l-ahwa qatt ma dehru quddiem in-nutar Pierre Falzon biex saret il-prokura taghhom, din saret fid-dar qabel ma dahlu fid-dar ta' l-anzjani u cioe fid-dar ta' Alice, fi triq Frangisk Zahra, Mellieha. Qalet li l-prokura giet iffirmata wara minn Nutar Pierre Falzon fejn hi kienet haditielu hija stess u ta' dan ma' kienx sar hlas ta' dan is-servizz ghaliex aktar tard fl-istqarrija irrizulta li Pierre Falzon kien habib tal-familja.

Hija nnegat li qatt ghamlet misappropjazzjoni ta' fondi tal-flus li kienu fdati lilha. Qalet li Stella meta kienet ghadha hajja, kienet awtorizzatha tiehu l-flus li hija hadet u li meta kienet tghidilha, meta kienet tawtorizzha tiehu dawn il-flus, kien hemm okkazjonijiet li ir-ragel taghha kien prezenti. Meta kienet mistoqsija ukoll jekk hi kinetx wirtet lil Stella wara li kienet mietet fl-2010, hija qalet li ma kinetx wirtitha. Qaltli hija kienet halliet, dak kollu li kellha lil ohta Alexandra Xuereb u dan kienet saret tafu minn skond x'kienet qaltilha zijitha. Gie nnutat ukoll fil-kontijiet tal-bank illi hafna mit-trasazzjonijiet, jew kwazi t-transazzjonijiet kollha saru through internet banking. Meta kienet mistoqsija,

hija kkonfermat Rita illi hija kienet tuza’ l-internet banking kemm ta’ Alice u kemm ta’ Stella biex taghmel it-transazzjonijiet hija stess.

Fil-kaz ta’ Alexandra Xuereb qalet illi dak kollu li kien ikollha bzonn, kienet tohrog cekk u mbghad hija kienet taghmel it-transazzjonijiet through l-internet banking billi tirrimpjazza dak li tkun hareg mill-kont taghha. Il-Pulizija kienet ghamlet ukoll tfittxija ghal l-LG television, kemm fir-residenza ta’ Zahra kif ukoll f’garaxx li huma ghandhom f’Hal Luqa pero din it-tfittxija kienet irrizultat fin-negattiv. Fl-istqarrija ta’ Louis Zahra li kien irrilaxxa, huwa kien stqarr li huwa jahdem bhala sprayer u kien innega l-allegazzjoni li kienet saret fuq dawn il-flus, kien innega l-allegazzjonijiet kollha u kien ukoll qal li huwa kien prezenti ghal prokura li kienet inghatat lil mara tieghu Rita Zahra minn Alice Xuereb u kien qalli li din il-prokura saret skond il-Ligi quddiem in-nutar Pierre Falzon, ghad-differenza li kienet qaltli l-mara tieghu li ma kinetx saret b’dan il-mod. Huwa qalli illi meta kien mistoqsi rigward disa’ t’elef li kienu direttament migbuda mll-kont ta’ Stella sabiex jithallsu fuq il-karozza Honda li kellu fuq ismu, qal li dawn kienu inghataw lilu minnha stess bl-awtorizzazjoni taghha.

Ghalhekk wara dawn l-investigazzjonijiet l-Ispettur ghamlet kuntatt ma’ Alice Xuereb kif ukoll lil care worker taghha, pero’ sfortunatament aktar kmieni dik is-sena li bdiet il-kawza, Xuereb kienet lahqet mietet. Dan fisser li zewg xhieda ewlenija, Alice Xuereb u Stella Muscat, kienu lahqu mietu qabel ma nbdew dawn il-proceduri. L-Ispettur esebiet numru ta’ dokumenti, fosthom l-ittra tal-avukat Joanne Vella Cuschieri tas-7 ta’ Jannar 2011, li kienet intbghatet f’isem Alexandra sive Alice Xuereb, id-dikjarazzjoni li kienet ittiehdet minn WPS 249

iffirmata minn Alice Xuereb stess fejn ikkonfermat dak li kienet qalet l-avukat, iz-zewg prokuri in kwistjoni, ir-rapport li kien ittiehed bil-miktub minn WPS 249 ta' rapport li kienet ghamlet Josephine Scavone, iffimat minnha stess, flimkien ma' xi dokumenti annessi, il-kontijiet bankarji tat-tlitt anzjani u ta' Rita Zahra, u l-istqarrijiet tal-imputati.

Il-Prosekuzzjoni pproduciet diversi xhieda ohra, fosthom iz-zewg surgenti li kienu hadu rapport lil Xuereb u lil Scavone, is-social worker mad-Dipartiment tal-Anzjani, Silvia Muscat, George Cremona ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Isabelle Abela ghad-Dipartiment tal-Anzjani, u Brigitte Vassallo ghad-dar tal-anzjani tal-Mellieha. Xehed ukoll in-Nutar John Debono, mentri n-Nutar Pierre Falzon ghazel li ma jixhedx f'din il-kawza. Xehdet ukoll Josephine Scavone, li tat id-deposizzjoni taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarja u li x-xiehda taghha giet traskritta w inserita fil-process.

In difesa xehdet l-imputata Rita Zahra, li kkonfermat il-kontenut tal-istqarrija rrilaxxata minnha, u li spjegat kif Stella kienet taghtiha somom ta' flus ghaliha u ghar-ragel Louis. Hi qalet li dak kollu li ghamlet, cioe' li hadet il-flus mill-kont ta' Stella, kienet ghamlitu ghax Stella stess kienet awtorizzatha taghmel hekk. Dan kien isir ghax kienu Rita u r-ragel taghha Louis li kienu jduru bi Stella u jiehdu hsieb tal-bzonnijiet kollha taghha. Ghalhekk kienet taghtihom dawk il-flus kollha.

Minn esami ta’ dawn il-provi johrog car li l-imputata kienet hadet somom ta’ flus minn ghand Stella Muscat, u somom izghar minn ghand Alice Xuereb u Josephine Scavone. Dan mhux kontestat. Id-difiza tghid li dan sar bil-barka ta’ Muscat u fuq struzzjonijiet taghha, inkluz l-ammont ta’ disat elef Ewro (€9,000) li ntuzaw biex Louis Zahra xtara vettura. Din l-asserzjoni ma tista’ tigi kontradetta minn hadd, peress illi Muscat kienet gia’ mietet qabel ma sar ir-rapport lill-Pulizija. Il-Qorti jkollha tghid li, fil-fehma taghha, huwa stramb ghall-ahhar li Muscat halliet lil Zahra tiehu aktar minn mitt elf Ewro mill-kontijiet bankarji taghha, izda fin-nuqqas ta’ prova kontrarja, il-Qorti ma tistax tippresumi li kien hemm xi haga irregolari fl-imgieba ta’ Zahra.

L-istess jista’ jinghad fuq ir-rapport li kienet ghamlet Alice Xuereb meta ohtha Stella Muscat giet nieqsa u rrisulta li Zahra kienet hadet dawk il-flus. Xuereb lahqet mietet qabel ma nbdew dawn il-proceduri, u ghalhekk ma setghetx tikkonferma r-rapport originali taghha. Anke li kieku, minghajr xi prova kuntrarja ghall-awtorizzazzjoni ta’ Stella Muscat, il-Qorti jkollha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minn Rita Zahra. Kwantu ghax-xiehda ta’ Josephine Scavone, il-Qorti rat li din kienet konfuza fix-xiehda taghha. Il-Qorti tifhem li Scavone llum hija persuna ta’ eta’ venerabbli, u tista’ titfixkel fi twegibiet li ghandha taghti. Ghalhekk ma tistax taghti wisq piz ghax-xiehda moghtija minnha.

Jibqa’ biss, ghalhekk, ir-rapporti li kienu saru originalment, minn Xuereb u minn Scavone. Dawn jidhru li saru minn zewg persuni li ghalkemm anzjani kienu lucidi fil-kliem u fil-hsieb taghhom, izda dawn ir-rapporti wehidhom ma jistghux iwasslu ghall-prova konkreta bizzejjed kontra l-imputati. Il-Qorti temmen li

seta' kien hemm xi forma ta' abbuz min-naha tal-imputati. Tghin kemm tghin lil persuna anzjana, ghandha tigi minnek li ma tapprofittax ruhek mill-vulnerabilita' taghhom u tiehu ammont ta' flus qrib il-mija w tletin elf Ewro f'temp ta' ftit snin. Il-flus ma jaqghux mis-sema, izda fil-kaz tal-imputati, hekk gara. Madankollu, kif gia' esprimiet il-fehmiet taggha, il-Qorti m'ghandhiex bizzejjed provi kontra l-imputati biex issib htija fihom. Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, fl-ahjar ipotesi, wasslu sal-grad tal-verosimili jew possibbli, anke forsi sal-grad tal-probabbli, izda mhux sal-grad rikjest mil-ligi, jigifieri lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Huwa verosimili, per ezempju, li kien hemm television kbir tad-ditta LG li ttiehed, izda ta' dan ma hemmx provi sufficjenti. Ghalhekk, in esami tal-provi prodotti, ir-reat ta' frodi assolutament ma rrisultax. Fl-assenza ta' konferma li l-ammonti mehuda mill-imputati minn ghand Stella Muscat ma kienux awtorizzati, l-anqas ma jista' jirrisulta r-reat ta' misapproprjazzjoni. Ghalhekk, l-anqas ir-reat ta' komplicita' ma jista' jissussisti fil-konfront ta' Louis Zahra, ladarba r-reat principali ma rrisultax ippruvat. Per konsegwenza t'hekk, il-Qorti sejra tillibera lill-imputati fuq nuqqas ta' provi. Ghandu jinghad li l-Prosekuzzjoni mexxiet il-kaz taghha b'diligenza kbira u b'attenzjoni ghad-dettall, izda fin-nuqqas tax-xiehda tal-anzjani, ma kienx hemm triq ohra f'din il-kawza.

**Ghal dawn l-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 17, 31, 533, 293, 42(d. 43 u 45(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant tilliberahom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------